**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 25 ta` Frar 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sharon Tanti)**

**Vs**

**EMANUEL ZAMMIT**

**KUMP NRU 446/2006**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Emanuel Zammit detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 420977(M), gie akkuzat talli fl-isptar San Luqa, fis-Sala Wonderland, f'Marzu tas-sena 2006, b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Bhala impjegat fi hdan l-Isptar San Luqa, tajt fastidju sesswali lill-impjegata ohra, u cioe' lil Carmen Cauchi fl-istess post tax-xoghol, billi issoggettajtha ghal att ta' intimita fizika u/jew issoggettajtha ghal xi att u/jew kondotta b'konnotazzjoni sesswali, liema att, talba jew kondotta ma kienux mixtieqa mill-vittma u jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji; u aktar talli

2. Bhala impjegat fl-istess post tax-xoghol tajt fastidju lill-istess impjegata Carmen Cauchi billi issoggettajtha ghal att u kondotta mhux mixtieqa, bi kliem bil-fomm u gesti li huma bbazati fuq diskriminazzjoni sesswali u li jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali (a folio 27) tal-14 ta` Mejju 2007 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Mhux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process peress illi kif inhu f'dan il-kaz, dak kollu li irrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti.

Carmen Cauchi, SRM, allegat illi bhala *reliever*, f'lejl partikolari fix-xahar ta` Marzu 2006, kienet giet assenjata li tahdem *night duty* fis-sala Wonderland, Karen Grech. Malli waslet u dahlet fl-*istaff room* ghall-habta tas-7.30pm, rat persuna li qatt qabel ma kienet iltaqet mieghu u ma kienetx tafu. Inzerta kien l-imputat. Introduciet ruhha u qaltlu li hija kienet ser tahdem hemm f'dak il-lejl, u huwa minn naha tieghu qalilha tajjeb, tajjeb, u minnufih urieha flixkun tal-coka u qalilha “issa nurik kif iggerrieh”. Inhasdet u baqghet cassa. Aktar tard dak l-istess lejl, tallega li qalilha jekk riditx tara film fuq DVD; effettivament dahhal CD fil-laptop u malli ndunat li kien film pornografiku qaltlu li ma kienetx interessata.

Tallega li kien hemm aktar iljieli meta hadmet mieghu, madwar erba jew hamest iljieli b'kollox, u kien igib ruhu dejjem l-istess, kien jghidilha biex tara l-pornografija

mieghu; u dejjem tghidlu li ma kienetx interessata. Kienet imdejjqa. Darba mbaghad tkellmet dwar dan kollu ma nurse ohra.

Minn naha tieghu l-imputat dejjem cahad dawn l-allegazzjonijiet. Innega minnufih meta gie mistoqsi mill-SRN Mary Rose Bugeja, fil-bidu nett li gew zvelati dawn l-allegazzjonijiet. Baqa jinnega li ghamel dawk l-affarijiet fiz-zewg stqarrijiet li kien ta` lill-pulizija (f'wahda minnhom kien hemm ukoll konfront ma Carmen Cauchi) – ara *folios* 28 sa 31. Fi kliem is-Supretendent Sharon Tanti (ara xhieda a *folio* 16) "*In fatti fl-istqarrija li hadtlu jiena, innega u jigifieri r-risposti tieghu kienu substantiated mhux just iva jew le*". Imbaghad l-imputat ha wkoll il-pedana tax-xhieda u bil-gurament kompla jinnega u d-depozizzjoni tieghu kienet wahda dettaljata (ara *folio* 119 *et seq*).

Quddiem din il-Qorti dehret Carmen Cauchi (apparti fl-okkazjoni meta xehdet bil-gurament) li ddikjarat (ara *folio* 116) li ma kellhiex interess f'dawn il-proceduri u li kienet qed tirtira l-allegazzjoni fil-konfront ta` l-imputat. Il-Qorti taghmilha cara illi dikjarazzjoni bhal din, tenut kont in-natura ta` l-imputazzjonijiet dedotti naxxenti minn allegazzjonijiet prosegwibbli *ex officio*, ma ghandhiex u ma hijiex ser tincidi fuq l-ezami tal-provi in mertu.

Dan hu essenzjalment dak li rrizulta f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**;

Ma hemmx dubbju illi oggettivament, kwalunkwe forma ta` fastidju sesswali, huwa kundannabbli u jehtieg li jigi indirizzat kif jixraq skond il-ligi. Maghmulha din id-dikjarazzjoni cara u inekwivoka, din il-Qorti issa trid tghaddi sabiex tiddeciedi dwar ir-rizultanzi processwali skond ix-xjenza legali.

Jidher car illi f'dan il-kaz hemm kunflitt fil-provi, almenu ghaliex il-verzjonijiet taz-zewg protagonisti huma konfliggenti.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti li tkun ghandha tapprofondixxi aktar l-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Irrizultaw diversi fatturi ohra li din il-Qorti analizzat fil-fond fil-kuntest ta` l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront ta` l-imputat. Fosthom, izda mhux biss, il-fatti li l-*istaff room* in kwistjoni ghandha bieb li jkun miftuh; fis-sala fejn u meta sehh dak allegat minn Carmen Cauchi, kien hemm tifla, fost pazjenti ohra, bil-cancer li kellu jsirilha *constant monitoring*. Lejl u nhar ikun hemm il-genituri jew il-qraba tal-pazjenti. Is-sala koncernata hija sala zghira hafna. Fl-istess sala jmur in-*night manager* jaghmel l-ispezzjonijiet. L-fatt li l-SRN Mary Rose Bugeja tixhed li Carmen Cauchi qaltilha "..*kieku jigi xi hadd u jara pornos quddiemek x'taghmel*?"

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi approfondita tinsab f'qaghda tiddikjara illi, f'dan il-kaz, ghandha dubbju, u mill-bidu sa l-ahhar ta` l-analizi, dak id-dubbju ippersista. *In dubio pro reo*. Mhux bizzejjed ghall-prosekuzzjoni, biex tirnexxi fil-kaz taghha, billi l-Qorti tghid jew titqieghed f'pozizzjoni li tghid u tikkonkludi li x'aktarx iva milli le, dak li qed tghid Carmen Cauchi sehh. Dan ghaliex, id-dubbju persistenti f'mohh il-Qorti, id-dubbju li gej mir-raguni, ma jhallix lill-Qorti titla targa ohra u tiddikjara serenement li giet stabbilita l-htija 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Din il-Qorti taghmilha cara illi hi mhux qed tghid li parti jew ohra qed tghid jew mhux qed tghid il-verita`. Mill-assjem tal-provi u mill-analizi ta` l-istess, din il-Qorti tinsab f'qaghda li daqs kemm tista tghid li l-verzjoni ta` Carmen Cauchi hija plawsibbli, daqstant iehor tista tghid li l-verzjoni ta` l-imputat hija plawsibbli. Il-konkluzjoni ta` din il-Qorti hi li l-kaz jipprezenta komplessita` tali li jhalli lill-istess Qorti bla risposta quddiem id-domanda jekk il-prosekuzzjoni irnexxiliex tipprova l-kaz taghha sodisfacentement. U dana ghaliex, wara analizi approfondita, l-kaz baqa jipprezenta kunflitt serju ta` verzjonijiet liema konflitt holoq id-dubbju – id-dubbju ragonevoli – li necessarjament jehtieg li jmur favur l-imputat.

Oggettivament, dikjarazzjoni ta` htija f'dawn ic-cirkostanzi tkun dikjarazzjoni "**unsafe and unsatisfactory**".

**Konkluzjoni**;

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL EMMANUEL ZAMMIT MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur